MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 84/2000

**Artikoli 95(1), 91, 92, 251(1), 325(c), 339(d), 338(dd), 221, 383, 384 u 385**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**

**v**

**PAUL PSAILA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL PSAILA** ta' sebgha w tletin sena bin Carmel u Margherita nee Mizzi imiwieled Hal Ghaxaq nhar t-tnax ta' Gunju 1962 u joqghod 31, 'Carmvic', Triq ic-Ceppun, Hal Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita numru 388262M gie mressaq quddiemha akkuzat ;

1. talli fis-sbatax ta' Novembru 1999 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filoghodu fl-edificcju tal-Qorti fil-Belt Valletta, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Dottor David Borg LL D, persuna inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak s-servizz;

2. talli bi vjolenza u b'theddid gieghel lil Dottor David Borg LL D ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jghamilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu ta' avukat;

3. talli uza vjolenza sabiex igieghel lil Dottor David Borg LL D jaghmel, jhalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga;

4. talli voluntarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'nuccali tal-vista, liema hsara hija ta' aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess Dottor David Borg LL D;

5. talli hebb ghal Dottor David Borg LL D sabiex jingjurjah, jdejjqu jew jghamillu hsara;

6. talli voluntarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied; u

7. talli hebb ghal Dottor David Borg LL D w kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif ccertifika Doctor Robert Patiniott MD tal-Floriana Health Centre.

Il-Qorti giet miltuba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Dottor David Borg LL D u tapplika l-provedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligjjiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta' Frar, 2000 esibit fl-att a fol 5 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fl-ezami li sar skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ewwel ta' Marzu 2000 li m'ghandhux oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll ix-xhieda tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Gunju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2000 **xehed l-Ispettur Paul Camilleri** fejn spjiega li fis-sbatax ta' Novembru 1999 kien ircieva kwerela minghand Dottor Joseph Borg fejn l-istess Dottor Borg kien allega li kien gie aggredit mill-imputat waqt li kien fil-bini tal-Qorti u li sahansitra minhabba din l-aggressjoni, spicca b'ferita ta' natura hafifa skond ic-certifikat mediku esibiti bhala dokument PC 2 a fol 14 tal-atti u sofra xi hsarat involuntarji fin-nuccali tieghu.

L-Ispettur kien baghat ghal imputat li kkonferma li kellu argument ma' Dottor Joseph Borg dwar somma ta' erbgha mija sebgha w sebghin lira maltin li kellu jaghtih, rappresentanti hlasijiet fuq xi kawza civili. Huwa qallu li ried ricevuta minghand Dottor Borg u Dottor Borg ma kienx dispost johroglu cekk ghal ammont kollu. L-imputat spjiega lil Ufficjal Investigattiv li huwa hass ruhu aggravat u offiz meta Dottor David Borg avvicinah hafna u beda jimbuttah u jtajjar l-bzieq f'wiccu u li sahansitra meta huwa mbotta lil Dottor Borg 'l hemm, Dottor Borg tah daqqa ta' sieq. Certifikat mediku ma tahx u dwar il-hsarat fin-nuccali, l-imputat a tempo vergine cahad kollox.

**Dottor David Borg kkonferma l-kwerela tieghu u spjiega** x'wassal ghal dan l-incident u cioe li huwa kien qed jippatrocinja lil missier l-imputat Carmelo Psaila f'kawza civili ta' zgumbrament kontra l-imputat u l-imputat tilifha u gie moghti terminu ta' tlett xhur biex jizgombra

mill-ghalqa meritu ta' din il-kawza. L-imputat dan nonostante ma harigx mill-ghalqa u ghalhekk kien hemm xi proceduri ohra pendenti l-Qorti dakinhar tal-incident.

L-imputat kien patrocinat minn Dottor Tonio Azzopardi u dakinhar kien iltaqa mieghu u qallu li l-klijent tieghu kellu cekk fuqu biex jhallsu u kien qieghed isfel fil-bini tal-Qorti quddiem l-Awla numru 4. Huwa ghalhekk nizel jkellmu u talbu c-cekk. L-imputat insista ghal VAT receipt ghas-somma globali li kien ser jaghtih pero huwa spjiegalu li ma setghax johrog ricevuta fiskali ghall-ammont kollu peress li parti mill-ispejjes kienu dovuti lil Qorti u lil Carmelo Psaila stess u ghalhekk ma kienux taxxabbli skond il-VAT.

Huwa u l-imputat ma qablux u fil-pront wasal Dottor Tonio Azzopardi w ipprova jikkalma lil imputat u kien beda jaghtih fuq wiccu. Huwa tajjarlu l-karti minn idejh u waqqghalu n-nuccali u fil-fatt hgiega minnhom inqalghet u waqghet. Qal li l-imputat ikkaguna girfa fuq imniehru kif deskritt fic-certifikat mediku esibit fl-atti a fol 14 markat bhala dokument PC 2. In-nuccali ssewwa bla flus.

**Oswald Lanzon** impjegat tal-Qorti **xehed** li waqt li huwa kien fil-*cash office* fis-sular ta' isfel fil-bini tal-Qorti, meta fis-sbatax ta' Novembru 1999 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu semgha ghajjat u dan wara li ttawwal 'l barra mit-tieqa tal-ufficju tieghu. Huwa hareg mill-ufficju tieghu u ra lil Dottor David Borg fi stat ta' paniku bin-nuccali tieghu mal-art. In-nuccali kien mghawweg u Dottor Borg kien eccitat hafna. Qal li pero l-incident hu ma rahx jsehh.

**PS 325 Patrick Bonnici xehed** li l-incident per se ma rahx jsehh ghalkemm ghajjat semgha mill-imputat.

**Carmelo Psaila kkonferma** li dakinhar tas-sbatax ta' Novembru 1999 ibnu l-imputat beda jidghi u jghajjat fil-bini tal-Qorti u jghid li jrid ricevuta fiskali. Ikkonferma wkoll li rah jhebb ghal Dottor David Borg, tant li anke rah jaghtih daqqa ta' ponn. Huwa kien xi hames piedi 'l boghod minn fejn sehh l-incident pero jiftakar car li kien l-imputat li kien qed jghajjat. Mistoqsi jekk rax lil Dottor Borg jaghmel xi haga inaspettata, dan ix-xhud wiegeb li semgha lil

Dottor Borg jistaqsi lil imputat ghal flus u fl-ebda hin ma rah jaghti bis-sieq lil imputat u lanqas ra lil Dottor Borg jaghmel wiccu ma wicc l-imputat.

**Margaret Psaila** li tigi omm l-imputat **kkonfermat** dak kollu li qal zewgha Carmelo Psaila b'mod partikolari li binha hebb ghal Dottor Borg. Qalet li semghet lil imputat jitkellem hazin u jghajjat u rat wkoll in-nuccali ta' Dottor Borg mal-art. Mistoqsija kemm kienet boghod minn fejn sehh l-incident, ix-xhud Margaret Psaila wiegbet li kienet zewg piedi 'l boghod.

**Dottor Tonio Azzopardi kkonferma** li l-isfond tal-incident kien jittratta dwar ghoti o meno ta' ricevuta fiskali fuq pagament li l-imputat kellu jaghmel lil Dottor Borg. Ex-admissis jghid li "*l-imputat innervja ruhu u f'lehha ta' berqa l-imputat hebb ghal Dottor David Borg*." Qal li ra wkoll lil imputat jigbed lil Dottor Borg mill-ingravata jew mill-kullar tieghu u li sahansitra anke spicca mal-art. Mistoqsi jekk Dottor Borg ghamilx xi haga irregolari, Dottor Tonio Azzopardi wiegeb li lil Dottor Borg rah biss jiddefendi lilu nnifsu. Tant hu hekk li huwa ndahal bejniethom biex jiddefendi u jipprotegi lil kollega.

**PC 87 George Galea kkonferma** wkoll li dakinhar tas-sbatax ta' Novembru 1999, l-imputat kien qed jghajjat u kien migbud apparti minn xi nies.

**Moses Gravina kkonferma** li l-kwistjoni li kien hemm bejn l-imputat u Dottor Borg kienet tikkoncerna l-ghoti ta' ricevuta. Qal li ra lil Dottor Borg wicc imb'wicc mal-imputat u lil imputat jressqu lura u appena mbuttah lura Dottor Borg beda jaghti bis-sieq lil imputat. Qal li ma rahx jaghti bil-ponn jew bl-idejn.

**Dottor Richard Sladden xehed** li semgha lil imputat jkellem hazin u joffendi lil Dottor David Borg dwar xi kwistjoni ta' ricevuta fiskali. Qal li ra wkoll lil imputat jaggredixxi lil Dottor Borg u li gie sussegwentement arrestat mill-Pulizija. Dottor Sladden kkonferma li l-imputat ta' daqqa ta' ponn lil Dottor David Borg u tajjarlu

n-nuccali u li fl-ebda hin ma ra lil Dottor Borg jaggredixxi lil imputat.

**Dottor Borg nhar d-dsatax ta' Ottubru 2000 esibixxa** d-dokument DB kif jirrizulta a fol 65, u cioe sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizij av Dottor David Borg sabiex jipprova u jsahhah t-tesi tieghu li huwa ma aggredix lil imputat u li sahansitra kien vittma t'aggressjoni.

**L-imputat nhar l-erbgha w ghoxirn ta' Jannar 2000 kien irrilaxxja stqarrija b'mod voluntarju skond l-ligi** liema stqarrija tinsab esibita a fol 15 tal-atti odjerni markata bhala dokument PC 3. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-incident veru nqala fuq rilaxx ta' ricevuta fiskali ghaliex Dottor Borg ma ridtx johrog ricevuta globali ghal hlasijiet li kien ircieva minghand l-imputat. Fid-daqqa w il-hin l-imputat resaq lejh wicc imb'wicc u beda jtajjar il-bzieq fuq wiccu. Huwa ex admissis jghid li rrabbja u kif kien ser jmur ghalih kien hemm xi nies li zammewh. Huwa jghid li meta Dottor David Borg beda jbezlaq hass ruhu offiz w imbuttah 'l hemm. Dottor Borg xejjirlu daqqa ta' sieq u fid-daqqa w l-hin tar in-nuccali tieghu mal-art. Huwa cahad li pero ta' daqqa ta ponn lil avukat Borg. Mistoqsi jekk marx jaghmel certifikat dwar id-daqqa ta' sieq li qala, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

L-imputat Paul Psaila meta xehed viva voce l-Qorti b'mod voluntarju nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2002 kkonferma wara li forsi elabora ftit l-istqarrija li kien irrilaxxja a tempo vergine.

**Anna Psaila,** mart l-imputat wkoll **xehdet w ikkonfermat** l-versjoni tal-fatti kif spjiegati mill-istess ragel taghha l-imputat.

Illi ghalhekk din il-kawza hija bbazata biss fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezercizzju kontemplat fl-artikolu 657 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li qiset il-komportament tax-xhieda, l-interess li setgha kellhom

f'dak li qalu, il-konsistenza w attendibilita o meno taghhom u tasal ghal konkluzzjoni li jew Dottor David Borg qed jghid il-verita kif konfermat mill-maggor parti tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew li l-imputat qed jghid il-verita kif konfermat minn martu biss.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni tal-fatti kif spjiegati minn Dottor David Borg huwa aktar veritieri fic-cirkostanzi u ghandha aktar mis-sewwa u l-provi cirkostanzjali li ressqet l-Prosekuzzjoni u cioe c-certifikat mediku dwar il-griehi li sofra Dottor David Borg, ix-xhieda okulari li raw n-nuccali ta' Dottor Borg mal-art, ix-xhud Oswald Lanzon li jghid li ra lil Dottor David Borg fi stata ta' xokk, lil Dottor Richard Sladden u lil Dottor Tonio Azzopardi li t-tnejn jikkonfermaw l-imgieba hazina, vjolenti w inaspettata tal-imputat u ghalhekk fid-dawl tas-suespost **il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni tar-raba akkuza u cioe dik ta' hsara nvoluntarja mill-liema akkuza qed tillibera lil imputat.**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 3 tal-atti odjerni minn fejn jirrizulta li l-imputat diga nstab hati f'sitt okkazzjonijiet talli ngurja u hedded u sawwat lil terzi persuni f'okkazzjonijiet differenti. Illi din il-fedina penali tirrifletti fuq il-karattru impulsiv u aggressivita tal-imputat fejn sahansitra il-Qorti anke kienet akkordat f'zewg okkazzjonijiet separati li missier l-imputat jinghata garanzija mill-Qorti li l-imputat ma jsawwtux, ma jheddux u ma jinsulentahx ghal perjodu ta' zmien taht penali fin-nuqqas.

In oltre l-Qorti thoss li dan l-incident huwa wiehed serju tenendo conto li jikkoncerna aggressjoni fuq ufficjal pubbliku waqt u in konnessjoni mad-dmirijiet tieghu. Tali komporament ta' *cowboy* zgur mhux accettabbli f'socjeta demokratika u messu fittex ghajnuna legali jekk ma setghax jifhem il-principji legali fil-hrug ta' ricevuti.

Fic-cirkostanzi, **il-Qorti** thoss li l-piena idoneja hija dik ta' piena karcerarja sospiza u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95(1), 91, 92, 251(1), 325(c), 339(d), 338(dd), 221, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li, filwaqt li tillibera lil imputat PAUL PSAILA mir-raba akkuza, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur ghall-akkuzi l-ohra kollha li l-Qorti qed ssibu hati, liema perjodu qed jigi sospiz ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti wkoll qed torbot lil imputat ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas, li ma jinjgurjax, ma jhedditx u ma jimmolestax lil Dottor David Borg LL D.**

**Il-Qorti spjiegat l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------